**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 09 ta' Marzu, 2016**

**Citazzjoni Nru: 1254/2007 AF**

**Philip u Emanuela konjugi Bartolo**

**vs**

**Tarcisio u Marthese konjugi Caruana,**
**Rayona xebba Caruana u**
**Kummissarju tal-Artijiet ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti:

Rat lir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti Bartolo li ġie ppreżentat fit-30 ta' Novembru 2007, li permezz tieghu wara li gie premess illi:

Il-kontendenti huma proprjetarji tan-negozju ossija azjenda bl-isem Marea Kiosk fl-Ghadira, l-Mellieha, inkluz kull assi tangibbli bhalma huma l-kiosk, stock, umbrellel, sodod u kull oggett iehor li jigi kkunsmat, makkinarju, taghmir u hazniet inkluz ukoll l-attrezzaturi u kull beach accessory, l-avvjament, jeddijiet tal-proprjetà intelletwali u jeddijiet ohra ghat-tmexxija

tal-istess negozju kif ukoll il-permessi ghall-gestjoni tal-istess Marea Kiosk fl-Ghadira il-Mellieha.

Dan in-negozju ilu jigi gestit mill-kontendenti mill-1988 fejn originarjament kien proprjetà ukoll ta' Raymond Bartolo.

Sussegwentement il-kontendenti kienu xtraw sehem Raymond Bartolo mill-istess negozju biex b'hekk dan baqa' tal-kontendenti u cioé nofs indiviz ghall-atturi u nofs indiviz ghall-konvenuti.

L-ispejjez kollha tan-negozju kienu jitnaqqsu mill-istess introjtu u sussegwentement wara li jithallsu l-ispejjez kollha inkluz il-hlas ta' pagi kif ukoll xiri ta' l-oggetti li jigu kkunsmati, makkinarju, taghmir u hazniet, kif ukoll ta' beach accessories ohra necessarji u attinenti ghan-negozju taghhom, huma kienu jaqsmu l-qliegh ta' bejniethom b'hamsin fil-mija kull wiehed biex b'hekk l-atturi kienu jiehdu 50% tal-qliegh waqt li l-konvenuti kienu jiehdu l-50% l-ohra ta' l-istess qliegh, ossija in-Net Profit kollu.

Minn xi zmien l-hawn inqala xi dizgwid bejn il-kontendenti u huma ma jridux jibqghu aktar in komunjoni mal-konvenuti fil-proprjetà w azzjenda u fil-gestjoni u tmexxija tal-istess Marea Kiosk fl-Ghadira, l-Mellieha.

Ghalhekk din il-proprjetà ossija azzjenda tal-Marea Kiosk, bl-assi tangibbli taghha kollha bhalma huma l-kiosk, l-oggetti li jigu kkunsmati, makkinarju, taghmir u hazniet, avvjament inkluz ukoll il-permessi relattivi taghha kif ukoll b'kull beach accessory iehor, m'huwiex komodament divizibbli u ghalhekk jenhtieg il-bejgh bl-irkant tal-istess negozju, u dan wara li jigi stmat minn Perit imqabbad apposta.

Ir-rikorrenti atturi b'ittra ufficjali tas-7 ta' Marzu 2006 talbu l-konvenuti jersqu ghal-likwidazzjoni tal-proprjetà u negozju konsistenti f'Marea Kiosk fl-Ghadira l-Mellieha, inkluz kull assi tangibbli bhalma huma l-kiosk innifsu, l-oggetti li jigu kkunsmati, makkinarju, it-taghmir u hazniet, permessi ghall-gestjoni tal-istess negozju, l-avvjament, jeddijiet ta' proprjeta intelletwali u kull jedd iehor fuq l-istess negozju, biex b'hekk

jithallsu ta’ sehemhom mill-istess negozju wara li jigi mehud in konsiderazzjoni l-valur tal-kiosk, il-premessi ghall-gestjoni tal-istess kiosk, l-attrezzaturi, stock u avvjament tal-istess Marea Kiosk, però baqghu inadempjenti.

Huma pprezentaw citazzjoni numru 281/06 AF fl-ismijiet “Philip Bartolo et vs Marthese Caruana et” differita ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta’ Mejju 2008.

Fl-ahhar seduta fil-kawza fuq imsemmija, Marthese Caruana xehdet quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn hija infurmat il-Qorti illi hija dawret il-permess u bieghet l-azjenda tal-Marea Kiosk lil bintha Rayona Caruana u dan f’Mejju 2006.

Ghalhekk il-permess ghal gestjoni tal-istess Marea Kiosk fl-Ghadira, l-Mellieha li qabel kien igib il-permess numru 102/92 skond Land File 604/87 issa llum qed igib permess numru 79292.

Dan it-trasferiment sia tal-permess kif ukoll tan-negozju bl-isem ta’ Marea Kiosk, fl-Ghadira, l-Mellieha inkluz kull assi tangibbli bhal ma huma l-kiosk, stock, umbrellel, sodod u kull oggett iehor li jigi kunsmat, makkinarju, tghamir u hazniet inkluz ukoll l-attrezzaturi u kull beach accessory avvjament u jeddijiet ta’ proprjetà intellettwali u jeddijiet ohra ghat-tmexxija tal-istess negozju kif ukoll il-permessi ghal gestjoni tal-istess Marea Kiosk fl-Ghadira l-Mellieha huma frawdolenti, abbusivi u llegali stante li l-kontendenti konjugi Caruana u binthom Rayona Caruana kienu jafu illi kien hemm pendenti quddiem dawn il-Qrati kawza ghad-divizjoni ta’ din il-proprjetà li kienet u ghadha proprjetà tal-kontendenti Bartolo u konjugi Caruana u li l-kontendenti Caruana kellhom obbligazzjonijiet fiduccjarji in konfront tal-konjugi Bartolo, atturi in kawza.

Il-konvenuti konjugi Caruana a tenur tal-Artikolu 1124(a) u 1871(a) kellhom id-dmir li jharsu l-interessi tal-atturi u jzommu u jezercitaw kontroll fuq l-istess proprjetà inkluz meta din tkun vestita bhala sid tal-proprjetà u l-ingieba taghhom tkun konsonanti ma’ dan l-obbligu minghajr ma kellhom dritt jaghmlu uzu minn proprjetà ta’ haddiehor ghal beneficcju taghhom u agixxew meta kienu jafu jew meta kienu

ragonevolment mistennija li jkunu jafu mic-cirkostanzi bil-ksur tal-obbligazzjonijiet fiducjarji taghhom u ircevew jew xort'ohra akkwistaw proprjetà jew ghamlu qliegh iehor mill-ghemil jew permezz ta' ghemil tal-fiduccjarji konvenuti konjugi Caruana.

Dan id-dmir tal-konjugi Caruana u Rayona Caruana huwa li jwettqu l-obbligazzjonijiet taghhom bl-ikbar buona fede u li jagixxu b'mod onest fil-kazijiet kollha u ghalhekk it-trasferiment ta' dan il-Marea Kiosk fuq binthom Rayona Caruana mhux biss huwa frawdolenti imma jilledi d-drittijiet proprjetarji tal-istess atturi li ghandhom nofs indiviz tal-istess Marea Kiosk bl-attrezzaturi tieghu kollha stante li l-konjugi Caruana u Rayona Caruana ma ezercitawx id-diligenza ta' '*bonus pater familias*' fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet taghhom, ma evitawx kull konflitt ta' interess, ircevew profitt mhux awtorizzat minn Rayona Caruana mill-funzjonijiet taghhom, agixxew b'mod parzjali meta d-dmirijiet taghhom kienu lejn l-atturi konjugi Bartolo.

Il-konjugi Caruana u Rayona Caruana naqsu li jirritornaw kull proprjetà mizmuma taht obligazzjonijiet fiducjarji lill-atturi li legittimament ghandhom jedd ghalih anzi dahlu f'bejniethom f'kuntratt ta' trasferiment tal-istess Marea Kiosk bl-attrezzaturi taghhom kollha meta kienu jafu illi nofs indiviz tal-istess proprjetà hija tal-atturi Bartolo.

Il-konvenuti konjugi Caruana bhala persuni soggetti ghal obbligazzjonijiet fiducjarji kisru dawk l-obbligazzjonijiet marbuta mar-radd lura ta' kull proprjetà ossija tal-Marea Kiosk bl-attrezzi taghha kollha flimkien mal-beneficcji kollha minnhom miksuba sew direttament u sew indirettament versu l-atturi konjugi Bartolo.

Il-konjugi Caruana u binthom Rayona Caruana ghandhom l-obbligu li jaghtu lura l-proprjetà bil-permessi ossija l-Marea Kiosk fl-Ghadira, l-Mellieha, inkluz kull assi tangibbli bhalma huma l-kiosk, stock, umbrellel, sodod u kull oggett iehor li jigi kkunsmat, makkinarju, taghmir u hazniet inkluz ukoll l-attrezzaturi u kull beach accessory, l-avvjament, jeddijiet tal-proprjeta intelletwali u jeddijiet ohra ghat-tmexxija tal-istess negozju kif ukoll il-permessi ghall-gestjoni tal-istess Marea

Kiosk fl-Ghadira il-Mellieha miksuba mill-istess Rayona Caruana bi ksur ta' dmir fiducjarju.

Il-konvenuti konjugi Caruana ttrasferew l-imsemmija Marea Kiosk fl-Ghadira l-Mellieha ghal fuq binthom Rayona Caruana wara li huma kienu jafu li kien hemm pendenti kawza ghad-divizjoni tal-istess proprjetà u ghal bejgh in licitazzjoni tal-istess Marea Kiosk u tul il-pendenza tar-rikors ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru intavolat mill-istess konjugi Caruana numru 509/06 fejn il-Qorti bid-digriet taghha tat-23 ta' Gunju 2006 cahdet it-talba taghhom ghar-revoka tal-istess mandat.

B'mandat ta' inibizzjoni numru 1019/06 fl-ismijiet 'Philip Bartolo et vs Marthese Caruana et' li gie finalment degretat fl-10 ta' Lulju 2006 il-konjugi Caruana gew inibiti milli jittrasferixxu l-istess permess tal-Marea Kiosk fl-Ghadira, l-Mellieha u/jew ibieghu w jittrasferixxu l-istess Marea Kiosk lil terzi.

Dan it-trasferiment ghalhekk tal-Marea Kiosk fl-Ghadira, l-Mellieha, inkluz kull assi tangibbli bhalma huma l-kiosk, stock, umbrellel, sodod u kull oggett iehor li jigi kkunsmat, makkinarju, taghmir u hazniet inkluz ukoll l-attrezzaturi u kull beach accessory, l-avvjament, jeddijiet tal-proprjetà intelletwali u jeddijiet ohra ghat-tmexxija tal-istess negozju kif ukoll il-permessi ghall-gestjoni tal-istess Marea Kiosk fl-Ghadira il-Mellieha huwa mhux biss null, frawdolenti, abbusiv u llegali u jilledi d-drittijiet proprjetarji tal-atturi Caruana imma jilledi wkoll l-obbligazzjonijiet fiduccjarji li l-konjugi Caruana u Rayona Caruana ghandhom in konfront tal-istess konjugi Bartolo.

Huma saru jafu b'dan it-trasferiment ta' dan il-Marea Kiosk bl-attrezzaturi tieghu kollha waqt ix-xhieda ta' Marthese Caruana fil-kawza citaz. nru. 281/06 (AF) fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2007.

Ghalhekk jinhtieg illi dan il-bejgh tal-Marea Kiosk fl-Ghadira, l-Mellieha, inkluz kull assi tangibbli bhalma huma l-kiosk, stock, umbrellel, sodod u kull oggett iehor li jigi kkunsmat, makkinarju, taghmir u hazniet inkluz ukoll l-attrezzaturi u kull

beach accessory, l-avvjament, jeddijiet tal-proprjetà intelletwali u jeddijiet ohra ghat-tmexxija tal-istess negozju kif ukoll il-permessi ghall-gestjoni tal-istess Marea Kiosk fl-Ghadira il-Mellieha jigi dikjarat null u rexiss fil-ligi stante li huwa mhux biss frawdolenti, abbusiv u llegali imma jilledi wkoll id-drittijiet proprjetarji tal-atturi Caruana u jilledi wkoll l-obbligazzjonijiet fiduccjarji li l-konjugi Caruana u Rayona Caruana ghandhom in konfront tal-istess konjugi Bartolo.

Intalbet din il-Qorti biex:

i) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-Marea Kiosk fl-Ghadira l-Mellieha inkluz kull assi tangibbli bhalma huma l-kiosk innifsu, l-oggetti li jigu kkunsmati, makkinarju, taghmir u hazniet, permessi ghall-gestjoni tal-istess negozju, avvjament, jeddijiet tal-proprjeta intellettwali u kull jedd iehor fuq l-istess negozju huma proprjeta komuni tal-atturi u l-konvenuti konjugi Caruana f'sehem indaqs bejniethom.

ii) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konjugi Caruana kellhom obbligazzjonijiet fiduccjarji in konfront tal-atturi konjugi Bartolo ai termini tal-Artikolu 1124(A) u 1871(a) tal-Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta u li lledew flimkien ma' Rayona Caruana l-obbligazzjonijiet fiduccjarji taghhom.

iii) Tiddikjara u tiddeciedi illi l-bejgh u jew trasferiment tal-Marea Kiosk fl-Ghadira l-Mellieha inkluz kull assi tangibbli bhalma huma l-kiosk innifsu, l-oggetti li jigu kkunsmati, makkinarju, taghmir u hazniet, permessi ghall-gestjoni tal-istess negozju, avvjament, jeddijiet tal-proprjetà intellettwali u kull jedd iehor fuq l-istess negozju lil Rayona Caruana li sar wara Mejju 2006 huwa null u rexiss fil-ligi stante li huwa frawdolenti u jilledi l-obbligazzjonijiet fiduccjarji tal-kontendenti Caruana in konfront tal-atturi Bartolo.

iv) Tiddikjara u tiddeciedi l-permess ghall-gestjoni tal-Marea Kiosk fl-Ghadira l-Mellieha numru 79292 intestat fuq Rayona Caruana mill-Kummissarju tal-Artijiet huwa null, abbusiv u llegali u ghandu jigi dikjarat rexiss u

konsegwentement jerga’ jigi intestat fuq Marthese Caruana kif kien originarjament ossija skond permess numru 102/92 skond Land File 604/87 u skond kif gie deciz minn din il-Qorti fil-mandat ta’ inibizzjoni numru 1019/06 degretat finalment fl-10 ta’ Lulju 2006.

Bl-ispejjez  u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni u b’riserva ghal kull azzjoni ta’ danni u kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kummissarju tal-Artijiet li ġiet ippreżentata fil-15 ta’ Jannar 2008 fejn gie eccepit illi:

Preliminarjament, in-nullità tar-Rikors Guramentat odjern stante li l-ebda ittra ufficjali jew protest ma gew notifikati lill-esponent skond l-Artikolu 460 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta qabel ma gie pprezentat dan ir-rikors.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-permess mertu tal-kawza odjerna huwa *encroachment permit* limitatament ghat-tqeghid ta’ mobile kiosk fuq art tal-Gvern.

L-istess permess skada fil-15 ta’ Ottubru 2007.

Ghalhekk dan il-permess issa ilu li skada bi kwazi tlett xhur.

Ghaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrent kif diretti fil-konfront tieghu ghandhom jigu michudin peress illu huma infondati fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

Il-fatti dikjarati huma a diretti konoxxenza tal-esponenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta ġuramentata ta’ Tarcisio u Marthese konjuġi Caruana li ġiet ippreżentata fis-26 ta’ Frar 2008 fejn gie eccepit illi:

L-ewwel talba tal-konjugi Bartolo già saret fil-kawza l-ohra li

hemm pendenti bejn il-kontendenti u tifforma l-meritu taghha; din qieghda tigi kkontestata bhala infondata u inveritijiera, u ghalhekk saret inutilment u l-atturi ghandhom ibatu l-ispejjez taghha.

Subordinatament u minghajr pregudizzju, l-ewwel talba attrici mhix sostenibbli legalment in kwantu l-artikolu 1649 (2) tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet) jipprovdi illi socjetà universali tal-qliegh ("*a general partnership of profits*") jekk ma ssirx permezz ta' kuntratt pubbliku ma tkunx validu ("*unless made by a public deed is null*"). Inoltre, dejjem minghajr pregudizzju, peress illi d-dritt fuq l-immobbli kien jispetta unikament lill-esponenti Marthese Caruana, aktar u aktar kellu jsir att pubbliku '*ad validitatem*' in vista ta' dak li hemm ipprovdut fl-artikolu 1651. Ghalhekk, it-talba attrici biex jigi ddikjarat illi l-assi kollha ta' Marea Kiosk "*huma proprjetà komuni tal-atturi u tal-konvenuti konjugi Caruana f'sehem indaqs bejniethom*" – u dan kontra l-prova miktuba konsistenti fil-kuntratt taghha mal-Lands Department u l-kuntratt ta' akkwist minghand Mario Caruana – ma tista' qatt tigi akkolta mill-Qorti.

Dejjem minghajr pregudizzju, il-koncessjoni *on encroachment terms* moghtija mid-Dipartiment tal-Artijiet lil Marthese Caruana kienet ta kull sena u mhux darba ghal dejjem, u ghalhekk kieku verament kien jezisti l-ftehim kif qed jigi allegat mill-atturi tali ftehim kien ikollu jigi ripetut kull sena biex inkun vinkolanti. Izda, in verità, fi tmintax-il sena qatt ma nhareg permess lil Philip Bartolo u qatt ma sar l-ebda kuntratt pubbliku bejn Marthese Caruana u Philip Bartolo.

It-tieni talba tal-konjugi Bartolo, li biha qeghdin jallegaw li kien hemm obbligazzjonijiet fiducjarji kontra l-provi miktuba hawn fuq imsemmija, in kwantu tiddependi fuq l-ewwel talba taghhom li hi insostenibbli legalment, lanqas ma tista' treggi u ghalhekk ghandha tigi wkoll michuda.

L-artikoli invokati mill-atturi in sostenn tat-tezi bizzarra taghhom kontra l-prova skritta m'humiex applikabbli peress illi l-unika *title holder* fir-rigward ta' Marea Kiosk kienet l-esponenti Marthese Caruana. Fil-prezent, l-unika *title holder* fir-rigward

ta' Marea Kiosk hija bintha Rayona Caruana li akkwistat minghand il-Lands Department it-titolu ghall-Kiosk b'*encroachment* filwaqt li akkwistat minghand l-esponenti Marthese Caruana l-proprjetà tal-assi ta' Marea Kiosk, liema trasferiment sar minghajr il-htiega tal-ebda assistenza mill-konjugi Bartolo in kwantu dawn m'ghandhom assolutament l-ebda drittijiet fir-rigward ta' Marea Kiosk u thallsu pienament ghas-servigi rezi minnhom it-tnejn.

It-tielet talba biex jigi dikjarat illi t-trasferiment tal-assi ta' Marea Kiosk minn Marthese Caruana lil Rayona Caruana huwa null hija wkoll insostenibbli in kwantu Marthese Caruana kienet libera u kapaci li tittrasferixxi lil bintha minghajr l-assistenza jew l-intervent tal-konjugi Bartolo li m'ghandhom l-ebda drittijiet fir-rigward ta' Marea Kiosk.  Ghandhom biss kaskata ta' pretensjonijiet fiergha.

L-allegazzjoni kontenuta fit-tielet talba illi l-imsemmi trasferiment kien frawdolenti hija bla bazi fattwali u legali in kwantu legalment ma kien hemm l-ebda inibizzjoni fis-sehh meta sar it-trasferiment, kif ukoll ghaliex il-konjugi Bartolo m'ghandhom l-ebda drittijiet li jimmeritaw it-tutela u harsien tal-Qorti.

Ir-raba' talba attrici biex jigi dikjarat illi l-permess mahrug mill-Kummissarju tal-Artijiet lil Rayona Caruana huwa "null, abbusiv u illegali" hija bla bazi legali in kwantu hu risaput illi meta tinghata koncessjoni "*on encroachment terms*" il-Gvern ghandu diskrezzjoni assoluta li jaghmel dan, aktar u aktar meta jkun hemm il-kunsens u beneplacitu tat-*title holder* – f'dan il-kaz Marthese Caruana.  Philip Bartolo m'ghandu xejn u ma pprezenta l-ebda dokument biex jaghmel il-prova tat-titolu tieghu ghall-permess mahrug mill-Kummissarju tal-Artijiet lil Marthese Caruana u sussegwentement lil Rayona Caruana. Ghalhekk, fir-relazzjoni bejn il-Kummissarju tal-Artijiet u Marthese u Rayona Caruana, Philip Bartolo m'ghandu l-ebda *locus standi* u ma jista' jesigi xejn.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

A skans ta' ripetizzjoni, l-esponenti taghmel riferenza ghall-atti

tal-kawza l-ohra bejn l-istess partijiet pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Rayona Caruana li ġiet ippreżentata fis-26 ta' Frar 2008 fejn eccepiet illi:

It-talbiet kollha tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

M'huwiex minnu illi l-konjugi Bartolo ghandhom xi drittijiet fir-rigward ta' Marea Kiosk. Kienet biss Marthese Caruana, omm l-esponenti, illi kellha dirtt ghall-Kiosk koncess lilha mid-Dipartiment tal-Artijiet u li kellha dritt ghall-assi tal-Kiosk li hija akkwistat minghand Mario Caruana.

L-assi ta' Marea Kiosk gew ittrasferiti lill-esponenti liberament minn Marthese Caruana kif kellha kull dritt taghmel peress li Philip u Emanuela Bartolo m'ghandhom l-ebda jeddijiet. Inoltre, il-konjugi Bartolo ma kellhom l-ebda drittijiet fil-kwistjoni tal-koncessjoni minghand il-Lands Department u ghalhekk il-Kummissarju tal-Artijiet iddecieda, kif kellu kull dritt jaghmel, illi jaghti koncessjoni gdida lill-esponenti bil-kunsens ta' Marthese Caruana, l-unika persuna intitolata dak iz-zmien.

Ghalhekk l-allegazzjoni tal-konjugi Bartolo illi t-trasferiment ta' Marea Kiosk lill-esponenti sar b'mod frawdolenti hija invenzjoni taghhom peress illi la l-Kummissarju tal-Artijiet u lanqas Marthese Caruana ma kellhom bzonn il-permess ta' Philip Bartolo biex jaghmlu dan it-trasferiment. Apparti li Philip Bartolo m'ghandu jedd ghal xejn, it-trasferiment li sar lill-esponenti seta' jsir liberament billi Marthese Caruana ma kienitx mizmuma milli titrasferixxi l-assi, kif kellha kull dritt li taghmel.

Ghaldaqstant, l-ebda wahda mit-talbiet attrici ma timmerita li tigi milqugha. Konsegwentement, ladarba t-talbiet tal-konjugi Bartolo huma infondati kemm fattwalment kif ukoll legalment, dawn ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat ir-rikors ta' Philip u Emanuela Bartolo tas-7 ta' Diċembru

2007[1] fl-atti tal-kawża l-oħra Philip u Emanuela konjuġi Bartolo vs Marthese u Tarcisio konjuġi Caruana (Rik. Nru. 281/06AF) fejn talbu li din il-kawża odjerna (1254/07GV) tiġi rikjamata biex tinstema' flimkien ma' tali kawża quddiem l-istess qorti. Dan ir-rikors ġie milqugħ fl-14 ta' Jannar 2008 u ż-żewġ kawżi baqgħu mexjin flimkien.

Rat il-verbal tas-17 ta' Frar 2011[2] fejn ġie dikjarat li *"Għal kull buon fini il-provi prodotti fil-kawża 281/2006 għandhom jagħmlu stat f' din il-kawża u l-istess provi f' din il-kawża għal dik."*

Rat il-verbal tas-6 ta' Ottubru 2011[3] fejn ġie dikjarat li *"Għal kull buon fini il-partijiet jaqblu li x-xhieda kollha prodotti fil-kawża numru 281/2006 jgħoddu fl-intier tagħhom ukoll għal din il-kawża u vice versa."*

Rat id-dokumenti kollha.

Semgħet ix-xiehda prodotta.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-iskop tal-kawża odjerna huwa (1) biex jiġi dikjarat null it-trasferiment/bejgħ tal-Marea Kiosk (inkluż l-assi tanġibbli, bħall-kjosk innifsu, l-oġġetti li jiġu kkunsmati, makkinarju, tagħmir u ħażniet, permessi għall-ġestjoni tal-istess negozju, avvjament, jeddijiet tal-proprjetà intellettwali u kull jedd ieħor fuq l-istess negozju) minn Marthese Caruana għal bintha Rayona, u (2) biex jiġi dikjarat null il-permess għall-ġestjoni tal-istess gabbana intestat fuq Rayona Caruana mill-Kummissarju tal-Artijiet:

---

[1] Fol 367 tal-kawża 281/06AF

[2] Fol 37

[3] Fol 124

Ir-rikorrenti Bartolo sentejn qabel ma fetħu l-kawża odjerna kienu fetħu kawża kontra l-intimati Caruana (281/06AF) fejn talbu li jiġi dikjarat li għandhom nofs (½) indiviż u l-intimati għandhom nofs (½) indiviż ieħor min-negozju tal-"MAREA KIOSK" fl-Għadira. Talbu li minħabba diżgwid li inqala' bejniethom ma jridux jibqgħu aktar in komunjoni mal-intimati Caruana u għalhekk għamlu din il-kawża biex jiġi dikjarat li n-negozju tal-kjosk (bl-assi tanġibbli bħall-kjosk innifsu, l-oġġetti li jiġu kkunsmati, makkinarju, tagħmir u ħażniet, permessi għall-ġestjoni tan-negożju, avvjament, jeddijiet tal-proprjetà intellettwali u kull jedd ieħor) mhux komodament diviżibbli u konsegwentement għandu jiġi ordnat il-bejgħ fl-irkant tiegħu mingħajr oblaturi estaneji.  Talbu wkoll li f'każ li jirriżulta li huwa fil-fatt kommodament diviżibbli jinqasam ugwalment bejniethom.

Fil-mori ta' tali kawża irriżulta li Marthese Caruana biegħet in-negozju tal-gabbana lil bintha Rayona u ċeditilha l-"*beach concession*" li kellha fuq isimha. Ir-rikorrenti fil-kawża odjerna qegħdin isostnu li l-intimati konjuġi Caruana kellhom obbligazzjonijiet fiduċjarji fil-konfront tagħhom u li abbażi tal-Artikoli 1124A u 1871A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta kellhom id-dmir li jħarsu l-interessi tagħhom.  Jilmentaw li peress li għandhom nofs indiviż minn tali negozju tal-gabbana, bit-trasferiment/bejgħ tan-negozju tal-gabbana lil Rayona Caruana, l-intimati konjuġi Caruana flimkien ma' Rayona Caruana illedew l-obbligazzjonijiet fiduċjarji fil-konfront tagħhom.

Huma intavolaw din il-kawża odjerna biex jiġi dikjarat li n-negozju tal-gabbana huwa proprjetà komuni tagħhom f'ishma indaqs u konsegwentement jiġi dikjarat li t-trasferiment/bejgħ tan-negozju lil Rayona Caruana huwa null għaliex sar b'mod frawdolenti u bi ksur tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji li l-konjuġi Caruana kellhom fil-konfront tagħhom.  Jitolbu wkoll li jiġi dikjarat li l-permess għall-ġestjoni tal-gabbana kif intestat fuq Rayona Caruana mill-Kummissarju tal-Artijiet huwa wkoll null.

Il-Kummissarju tal-Artijiet preliminarjament wieġeb illi r-rikors ġuramentat huwa null stante li l-ebda ittra uffiċjali jew protest ma ġew notifikati lilu skont l-Artikolu 460 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta qabel ma ġie ppreżentat dan ir-rikors.

L-Artikolu 460(1) fil-fatt jistipula hekk:

*"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), ebda att ġudizzjarju li bih jinbdew xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jiġi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika filkwalità uffiċjali tagħha, ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem minnotifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew ittalba tiġi mfissra b'mod ċar."*

L-eċċezzjonijiet għal dan is-subartikolu, kif elenkati fis-subartikolu (2) ma japplikawx fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern.

Fis-sentenza mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet "Emanuel Bugeja vs Mary Rose Bugeja"[4] ġie ritenut:

*"Illi l-imsemmi artikollu huwa privileġġ proċedurali mogħti lill-Gvern f' kawżi li fihom ikun imħarrek u ġie mfisser bħala regola ta' ordni pubbliku, u japplika għal kull għamla ta' att ġudizzjarju li bih jinbdew proċedimenti kontra l-Gvern… Illi l-imsemmi privileġġ, jekk ma jitħarisx, iwassal għan-nullità tal-azzjoni li tkun ittieħdet bi ksur tiegħu."*

Fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet "Salvatore Ellis et noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana"[5] intqal hekk:

*"Huwa desumibbli mill-artikolu appena ċitat illi l-liġi tirrikjedi tassattivament il-preżentata ta' ittra uffiċjali jew protest…..tajjeb li jingħad illi kif akkolt fil-ġurisprudenza anke f'każ illi r-Reġistratur ikun ippermetta l-preżentata taċ-ċitazzjoni l-istess ma tistax tissana n-nullità imposta*

---

[4] Emanuel Bugeja vs Mary Rose Bugeja, 26.06.2003, P.A. Imħ RCP

[5] Salvatore Ellis et noe vs Il-Kontrollur tad-Dwana, 10.04.2003, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Imħ. P.S.

*mil-liġi. (Ara "Roger Sullivan noe vs Kontrollur tad-Dwana", Prim'Awla, Qorti Ċivili, 15 ta' Jannar 1993)"*

**Jirriżulta għalhekk li r-rikors ġurament odjern huwa null fir-rigward tal-Kummissarju tal-Artijiet.**

Ghal dak li jirrigwarda L-eċċezzjoni tal-intimati l-konjuġi Caruana li l-ewwel talba saret inutilment peress li diġa saret fil-kawża l-oħra:

L-intimati l-konjuġi Caruana wieġbu fl-ewwel lok li l-ewwel talba (biex jiġi dikjarat li n-negozju tal-gabbana huwa tagħhom u tal-konjuġi Bartolo) diġa saret fil-kawża l-oħra (281/06AF) u għalhekk din odjerna saret inutilment. Jgħidu wkoll li hija insostenibbli legalment għaliex skont l-Artikolu 1649(2) tal-Kodiċi Ċivili, soċjetà universali ta' profitti mhix valida jekk ma tkunx saret bil-miktub, u in oltre peress li d-dritt fuq immobbli kien jispetta lil Marthese Caruana kellu jsir att pubbliku a tenur tal-Artikolu 1651.

Effettivament għandhom raġun jgħidu li din it-talba diġa saret fil-kawża l-oħra 281/06AF. Fil-fatt din l-istess qorti qegħda tippronunzja ruħha dwarha fis-sentenza li qegħda tingħata wkoll illum. L-argument tal-intimati dwar l-insostenibilita` tal-ewwel talba legalment abbażi tal-Artikolu 1649(2) u l-Artikolu 1651 ma tressqux però fil-kawża l-oħra[6] u għalhekk din il-qorti ma kkunsidrathomx (u lanqas ma hija ser tikkunsidrahom f'din, gialadarba hija qed taqbel mal-intimati illi l-ewwel talba odjerna saret inutilment).

L-intimati jiċħdu li qatt kien hemm ftehim bejniethom dwar xi negozju u għalhekk isostnu li ma jreġix l-argument tagħhom li kien hemm ksur ta' xi obbligi fiduċjarji meta n-negozju u l-permessi tal-ġestjoni tiegħu ġew trasferiti/mibjugħa lil Rayona Caruana.

---

[6] Effettivament l-intimati fil-kawża l-oħra talbu li jressqu l-eċċezzjoni dwar l-insostenibilita` tal-ewwel talba abbażi tal-Artikolu 1649(2) u 1651 fi stadju ulterjuri iżda l-qorti ċaħdet it-talba peress li ma kienx hemm raġuni valida għaliex ma ngħatax fir-risposta oriġnali.

Però fis-sentenza li qegħda tingħata fil-kawża l-oħra (281/06AF) llum stess, din il-qorti invece qegħda tiddikjara li n-negozju tal-gabbana in kwistjoni (fil-mument li ġie trasferit/mibjugħ lil Rayona Caruana) kien effettivament proprjetà tal-kontendenti l-konjuġi Bartolo u l-konjuġi Caruana f' ismha indaqs (50/50) anke jekk skont l-iskrittura privata tad-9 ta' Lulju 1988 Mario Caruana kien ċeda l-konċessjoni tal-gabbana lil Marthese Caruana biss u biegħ il-gabbana bl-istokk kollu lilha biss. Għalkemm kienet qegħda tidher bħala l-unika sid tal-gabbana, il-ftehim bejnha u bejn ħuha (u oriġinarjament anke ħuhom l-ieħor Raymond) kien mod ieħor: **u cioé li bħala sid tidher hi iżda bħala negozju ikunu bi sħab.**

*<u>L-Artikolu 1871A(1) jistipula hekk:</u>*

*"Kull persuna li żżomm proprjetà għal persuna oħra, iżżomm il-proprjetà soġġetta għal obbligazzjonijiet fiduċjarji lejn il-persuna li tinkarigaha għal dak l-għan, u tkun regolata bid-disposizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar obbligazzjonijiet fiduċjarji."*

*<u>L-Artikolu 1124A jistipula hekk:</u>*

*"(1) Obbligazzjonijiet fiduċjarji jinqalgħu bis-saħħa tal-liġi, kuntratt, kważi kuntratt, trust, assunzjoni ta' kariga jew imġieba fejn persuna (il-"fiduċjarju") –*

*(a) ikollha d-dmir li tħares l-interessi ta' persuna oħra, jew*

*(b) iżżomm, teżerċita kontroll jew jkollha setgħat ta' disponiment fuq proprjetà għall-benefiċċju ta' persuna oħra, inkluż meta din tkun vestita bħala sid ta' dik il-proprjetà għal dan l-għan, jew*

*(ċ) tirċievi tagħrif mingħand persuna oħra marbuta bid-dmir tal-konfidenzjalità u dik il-persuna tkun taf, jew fiċ-ċirkostanzi kollha b'mod raġonevoli għandha tkun taf, li l-użu ta' dak it-tagħrif huwa intiż li jkun ristrett.*

*(2) Persuna li tkun delegata xi funzjoni minn fiduċjarju u tkun taf, jew miċ-ċirkostanzi għandha tkun taf bl-obbligazzjonijiet fiduċjarji għandha wkoll titqies li hi soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji.*

*(3) Obbligazzjonijiet fiduċjarji jinqalgħu minn imġieba meta persuna –*

*(a) mingħajr ma jkollha dritt, tieħu u tagħmel użu minn proprjetà jew tagħrif li jkunu ta' ħaddieħor, sew għall-benefiċċju tagħha jew xort'oħra; jew*

*(b) meta tkun terza persuna, taġixxi meta tkun taf, jew meta tkun raġonevolment mistennija li tkun taf, miċ-ċirkostanzi, bil-ksur ta' obbligazzjonijiet fiduċjarji mill-fiduċjarju, u tirċievi jew xort'oħra takkwista proprjetà jew tagħmel qligħ ieħor mill-għemil jew permezz tal-għemil tal-fiduċjarju.*

*(4) Mingħajr preġudizzju għad-dmir ta' fiduċjarju li jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu bl-ikbar bona fide u li jaġixxi b'mod onest fil-każijiet kollha, fiduċjarju jkun marbut, bla ħsara għad-disposizzjoni espressa ta' liġi jew kondizzjonijiet espressi ta' xi kuntratt bil-miktub li jeskludi jew jimmodifika dak id-dmir, skont il-każ –*

*(a) li jeżerċita d-diliġenza ta' bonus pater familias fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet tiegħu;*

*(b) li jevita kull konflitt ta' interess;*

*(ċ) li ma jirċevix xi profitt mhux dikjarat jew mhux awtorizzat mill-kariga jew funzjonijiet tiegħu;*

*(d) li jaġixxi b'mod imparzjali meta d-dmirijiet ta' fiduċjarju jkunu lejn iktar minn persuna waħda;*

*(e) li jżomm kull proprjetà li tista' tkun akkwistata jew miżmuma bħala benefiċjarju, segregata mill-proprjetà personali tiegħu u minn dik ta' persuna oħra li favur tagħhom jista' jkollu obbligazzjonijiet simili;*

*(f) li jżomm records xierqa bil-miktub tal-interess tal-persuna li favur tagħha jkunu obbligati l-obbligazzjonijiet fiduċjarji;*

*(g) li jagħti kont dwar il-proprjetà soġġetta għal dawk l-obbligazzjonijiet fiduċjarji;*

*(h) li jirritorna fuq talba li ssirlu kull proprjetà miżmuma taħt obbligazzjonijiet fiduċjarji lill-persuna li leġittimament ikollha jedd għaliha jew kif ordnat minnha jew kif xort'oħra meħtieġa mil-liġi applikabbli.*

*(5) B'żieda ma' kull rimedju ieħor skont il-liġi, persuna soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji li tikser dawk l-obbligazzjonijiet tkun marbuta li trodd lura kull proprjetà flimkien mal-benefiċċji l-oħra kollha miksuba minnha, sew direttament sew indirettament, lil min ikun dovut id-dmir.*

*(6) L-obbligu li tingħata lura proprjetà miksuba minn ksur ta' dmir fiduċjarju għandu japplika wkoll għall-proprjetà kollha li fiha il-proprjetà oriġinali kienet konvertita jew li biha kienet sostitwita."*

(Jiġi osservat li dawn l-artikoli ġew introdotti fil-Kodiċi Ċivili permezz tal-Att XIII tal-2004 u daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2005 u għalhekk kienu *in vigore* meta seħħew il-fatti li taw lok għal din il-vertenza).

Fil-fehma ta' din il-qorti, iċ-ċirkostanzi odjerni jinkwadraw taħt dawn id-dispożizzjonijiet: l-intimata Marthese Caruana, li uffiċjalment kienet tidher li hija s-sid tan-negozju, kienet qed iżżomm in-nofs indiviż ta' ħuha Philip Bartolo għalih. Skont l-Artikolu 1871A(1) kull persuna li żżomm proprjetà għal persuna oħra, iżżomm il-proprjetà soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji lejn il-persuna li tinkarigaha għal dan il-għan u tkun regolata bid-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-obbligazzjonijiet fiduċjarji. Dawn l-obbligi naxxenti mill-Artikolu 1124A fost oħrajn jirrikjedu mill-fiduċjarju id-dmir li jħares l-interessi tal-persuna, jeżerċita d-diliġenża ta' *bonuspaterfamilias*, u jżomm il-proprjetà segregata minn tiegħu.

Meta Marthese Bartolo ttrasferiet/biegħet in-negozju lil bintha Rayona u meta kitbet lid-Dipartiment tal-Artijiet fil-15 ta' Frar 2006[7] biex tiddikjara li ma kellhiex oġġezzjoni li l-permess tal-gabbana jibda jinħareġ fuq isem bintha, hija kisret l-obbligi fiduċjarji li kellha fil-konfront tar-rikorrenti abbażi tal-Artikolu 1124A u 1871A tal-Kapitolu 16. Flok ma ħarset l-interessi ta' ħuha li għal tant snin mexxa n-negozju u qasam il-profitti flimkien magħha, hija abbużat u ħadet vantaġġ mill-fatt li l-"mobile kiosk permit" kien intestat fuq isimha u mill-fatt li fuq l-iskrittura privata tad-9 ta' Lulju 1988 jirriżulta li Mario Caruana

[7] Ittra li Marthese Caruana bagħtet lid-Dipartiment tal-Artijiet, 15.02.2006, fol 100

kien qed iċedi l-konċessjoni tal-gabbana lilha u jbiegħ il-gabbana bl-istokk b'kollox lilha, appropriat jew "għamlet użu" min-nofs indiviż ta' ħuha u għamlitu tagħha, u qabdet u ttrasferiet/biegħet in-negozju kollu lil bintha u anke għinitha biex il-permess tal-ġestjoni tan-negozju jiġi intestat fuqha.

Da parti tagħha, Rayona Caruana jista' jingħad li kienet raġonevolment mistennija li tkun taf, miċ-ċirkostanzi bil-ksur tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji da parti ta' ommha, iżda nonostante dan hija irċeviet u akkwistat in-negożju tal-gabbana li ttrasferitilha/biegħetilha ommha [Vide Art 1124A(3)(b)]. Fil-fehma ta' din il-qorti ma tantx hija kredibbli l-verżjoni tagħha[8] li ma kinitx taf li ommha u Philip Bartolo kieu jaqsmu l-flus tal-gabbana bejniethom qabel ma ħaditu f'idejha hi.

L-Artikolu 1124A(5) tal-Kap 16 jistipula li b'żieda ma' kull rimedju ieħor skont il-liġi, persuna soġġetta għall-obbligazzjonijiet fiduċjarji li tikser tali obbligazzjonijiet hija marbuta li trodd lura l-proprjeta` miksuba minnha. **Jiġi osservat però li r-rikorrenti mhux qed jitolbu li s-sehem tagħhom tan-negozju "jintradd lura" abbażi tal-fatt li inkisru l-obbligazzjonijiet fiduċjarji fil-konfront tagħhom, iżda li t-trasferiment/bejgħ tan-negozju minn Marthese Caruana għal fuq Rayona Caruana jiġi dikjarat <u>null u rexiss fil-liġi</u> għaliex it-trasferiment/bejgħ lil Rayona kien (i) frawdolenti u (ii) għaliex sar b'leżjoni tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji fil-konfront tagħhom (għalkemm in-nullità mhux kontemplata fl-artikoli rigwardanti l-obbligazzjonijiet fiduċjarji u l-ksur tagħhom).**

Fil-fehma ta' din il-qorti huwa ċar li l-aġir ta' Marthese Caruana kien riżultat ta' mala fede u ta' għan frawdolenti. Sinifikanti ħafna huwa l-fatt li proprju s-sena ta' qabel, fl-2005, l-istess Marthese Caruana (nonostante li kien ilha żmien twil taqsam il-profitti tan-negozju ma' ħuha) rreġistratu għall-ewwel darba bħala impjegat tagħha mal-ETC - u ftit xhur wara itterminatlu l-"impieg" minħabba "*redundancy*"! Dan juri kemm verament it-trasferiment/bejgħ tal-kjosk lil Rayona Caruana kien riżultat ta'

[8] Xiehda ta' Rayona Caruana tas-06.10.2011, fol 125-127

pjan frawdolenti.

Dwar l-allegata nullità tat-trasferiment/bejgħ tal-Marea Kiosk (inkluż kull assi tanġibbli, bħall-kjosk innifsu, l-oġġetti li jiġu kkunsmati, makkinarju, tagħmir u ħażniet, permessi għall-ġestjoni tan-negozju, avvjament, jeddijiet tal-proprjetà intellettwali u kull jedd ieħor fuq in-negozju) lil Rayona Caruana, l-intimati jgħidu li t-talba biex it-trasferiment/bejgħ tan-negozju jiġi dikjarat null hija insostenibbli għaliex il-konjuġi Bartolo ma kellhom l-ebda drittijiet fuq il-gabbana. Binthom l-intimata l-oħra Rayona Caruana ukoll issostni li r-rikorrenti m'għandhom l-ebda drittijiet fuq il-gabbana u li ommha Marthese Caruana kellha kull dritt li tittrasferixxilha l-gabbana.

Fil-fehma ta' din il-qorti, ladarba qed jiġi stabbilit (fil-kawża l-oħra) li l-konjuġi Bartolo fil-fatt kellhom drittijiet fuq il-gabbana abbażi tal-fatt li jirriżulta li Philip Bartolo u Marthese Caruana kienu sħab b'ishma ugwali fin-negozju, u ladarba qed jirriżulta għas-sodisfazzjon ta' din il-qorti f'din il-kawża li t-trasferiment/bejgħ tan-negozju tal-gabbana minn Marthese Caruana għal fuq bintha Rayona Caruana sar bi skop frawdolenti, isegwi li tali trasferiment/bejgħ huwa fil-fatt null abbażi tal-prinċipju li ***fraus omnia corrumpit*****.**

Dwar l-allegata nullità tal-permess tal-ġestjoni tan-negozju intestat fuq Rayona Caruana mill-Kummissarju tal-Artijiet, l-intimati l-konjuġi Caruana jsostnu li hija bla bażi legali t-talba tar-rikorrenti Bartolo li l-permess maħruġ mill-Kummissarju tal-Artijiet kif intestat fuq Rayona Caruana jiġi dikjarat null. Jargumentaw li Philip Bartolo m'għandu l-ebda *locus standi* fir-relazzjoni bejn il-Kummissarju tal-Artijiet u Marthese u Rayona Caruana. Binthom l-intimata Rayona Caruana ukoll issostni li r-rikorrenti ma kellhom l-ebda dritt fil-kwistjoni tal-konċessjoni mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet, u għalhekk il-Kummissarju tal-Artijiet kellu kull dritt li jagħti konċessjoni ġdida lilha bil-kunsens t'ommha.

Hija l-fehma ta' din il-qorti li ma tistax tiddikjara n-nullità tal-permess għall-ġestjoni tal-gabbana (*beach concession*) numru 79292 li dawn l-aħħar snin kien intestat fuq Rayona Caruana mill-Kummissarju tal-Artijiet. Kull konċessjoni li effettivament

ħarġet fuq Rayona Caruana (għall-perjodu minn nofs Mejju sa nofs Ottubru) skadiet, u kull sena toħroġ konċessjoni ġdida. Fil-fatt fix-xiehda tiegħu Frank Mizzi[9] (enforcement coordinator mas-sezzjoni tal-Land Directorate xehed illi "*Għall-kummissarju tal-Artijiet kull konċessjoni hija operattiva għal sena waħda biss u cioé mill-15 ta' Mejju sal-15 ta' Ottubru.*"

Meta jsir il-bejgħ bl-irkant kif qed jiġi ordnat minn din il-qorti fil-kawża l-oħra, il-parti li effettivament takkwista n-negozju tal-gabbana[10] għandha tirrikorri għand l-awtoritajiet rispettivi biex il-permessi kollha relattivi għall-gabbana jinqalbu fuq isimha.

Għal dawn il-motivi din il-qorti:

i) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba in vista tal-fatt li saret talba identika fil-kawża l-oħra;

ii) Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-intimati konjuġi Caruana kellhom obbligazzjonijiet fiduċjarji fil-konfront tar-rikorrenti konjuġi Bartolo ai termini tal-Artikolu 1124A u 1871A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u li lledew tali obbligazzjonijiet;

iii) Tilqa' t-tielet talba limitatament in kwantu tiddikjara li l-bejgħ u/jew trasferiment tal-Marea Kiosk l-Għadira, fil-Mellieħa, (inkluż kull assi tanġibbli bħal ma huma l-kjosk innifsu, l-oġġetti li jiġu kkunsmati, makkinarju, tagħmir u ħażniet, permessi għall-ġestjoni tal-istess negozju, avvjament, jeddijiet tal-proprjetà intellettwali u kull jedd ieħor fuq l-istess negozju) lil Rayona Caruana li sar wara Mejju 2006 huwa **null fil-liġi stante li huwa frawdolenti** (u għar-raġunijiet mogħtija *supra*, mhux ukoll null in kwantu sar b'leżjoni tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji fil-konfront tagħhom);

---

[9] Xiehda ta' Frank Mizzi tas-17.02.2011, fol 23

[10] Ladarba mhux ser ikun hemm oblaturi estranji ser ikunu r-rikorrenti konjuġi Bartolo jew ir-rikorrenti konjuġi Caruana li ser jakkwistaw il-gabbana.

iv) Tiċħad ir-raba' talba (għar-raġunijiet fuq mogħtija) fejn qed tiġi mitluba tiddikjara li l-permess għall-ġestjoni tal-gabbana fuq Rayona Caruana mill-Kummissarju tal-Artijiet huwa null.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu mill-intimati l-konjuġi Marthese u Tarcisio Caruana u Rayona Caruana.

IMHALLEF

DEP/REG